**QORTI CIVILI - PRIM’AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Tlieta, 20 ta’ Gunju 2023**

**Kawza Numru: 15**

**Rikors Ġuramentat Numru: 545/2023 JVC**

**Pullicin ConBricks Limited (C91893)**

**vs**

**Excel System Construction (Malta) Ltd. (C91132)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ rikorrenti Pullicin ConBricks Limited prezentat bil-procedura tal-giljottina li jaqra kif isegwi:

1. ‘Illi s-socjeta konvenuta tinsab debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' dsatax-il elf u hames mija u hamsa u sebghin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€19575.48) rapprezentanti prezz ta' bejgh ta' konkos u bricks kif ukoll kiri ta’ pompa u servizzi relatati li baqghu ma thallsux, liema dejn hu cert, likwidu u dovut. Kopja ta' statement hawn mehmuz u markat Dok. A.

2. Illi nonostante illi giet interpellata sabiex thallas, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti.

3. Illi is-socjeta konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet attrici.

4. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

5. Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti hawn esposti.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi, is-
socjeta attrici qed titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddispensa mis-smiegh tal-kawza ai termini ta’ l-Artikoli

167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' dsatax-il elf u hames mija u hamsa u sebghin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€19575.48) rapprezentanti prezz ta' bejgh ta' konkos u bricks kif ukol kiri ta' pompa u servizzi relatati li baqghu ma thallsux.

Bl-imghax skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-istess socjeta konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.'

Rat illi s-socjeta' intimata debitament notifikata nhar il-15 ta' Gunju 2023 naqset milli tattendi ghas-seduta tallum stess, b'dan illi stante illi din hija procedura sommarja l-Qorti għaddiet sabiex laqgħet l-ewwel talba tas-soċjetà rikorrenti sabiex tiddispensa mis-smigħ tal-kawża ai termini ta' l-artikoli 167 u miegħu sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Civili.

Rat li r-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti talab lil din il-qorti sabiex tgħaddi għad-deċiżjoni. Rat illi mid-dokument a fol. 3 tal-proċess jirriżulta mill-'istatement of account' illi s-somma dovuta mis-soċjetà intimata hija dik ta' dsatax-il elf u hames mija u hamsa u sebghin Ewro u tmienja u erbghin ċenteżmu (€19,575.48).

Rat l-affidavit tar-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti David Haber preżenti wkoll fl-awla fejn ikkonferma bil-ġurament illi dan l-ammont għadu dovut.

In vista tas-suespost il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti hija ġġustifikata u ser tghaddi biex tilqa′ l-istess deċiżjoni.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta′ il-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata.

2. Tilqa′ t-tieni talba u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Excel System Construction Malta Limited (C 91132) tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' dsatax-il elf u hames mija u hamsa u sebghin Ewro u tmienja u erbghin ċenteżmu (€19,575.48) rappreżentanti prezz ta' bejgħ ta' konkos bricks, kif ukoll kiri ta' pompa u servizzi relatati li baqgħu ma tħallsux.

In vista li ġie wkoll indikat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-verbal tal-lum il-Qorti tilqa' t-talba għall-ispejjeż u l-imgħaxijiet kif mitluba.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**20 ta' Gunju 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**20 ta' Gunju 2023**